ċ) Il-verbi li jżommu l-vokali tal-Mamma fit-tiswir tal-Mod u tat-Tempijiet huma dawk li għandhom il vokalizzazzjonijiet : *i-e, o-o, o-e.*

Il-Verbi Monosillabi, jiġifieri ta' sillaba waħda, huma l-iktar regulari fil-vokalizzazzjoni tagħhom:—

i. Il-vokali tal-verbi Torox fil-Mamma huma *a* jew *e*. Eż: *Ħadd, medd* Meta hija *a*, fl-Imperfett tagħmel *o*. Eż: *Ħatt iħott: għadd, jgħodd.* Meta hija *e*, fl-Imperfett hija *i*. Eż: *Xedd, ixidd; kedd ikidd.*

ii. Il-vokali tal-verbi Moħfijin fil-Mamma hija dejjem *a*, jew *ie*. It-tieni konsonanti dgħajfa tinxorob f'dawn il-vokali. Il-vokali tagħhom fl-Imperativ u fl-Imperfett hija *i*, jekk it-tieni konsonanti hija *j*; hija *u* jekk it-tieni konsonanti hija *w*. *Qam* jagħmel *qum*, mbagħad *qawma*, fil-waqt li flok *qawwem* jagħmel l-Imnissel *qajjem.*

## TIBDIL FIL-VOKALIZZAZZJONI TAL-VERBI TRILITTERI META JGĦADDU GĦAS-SURA MNISSLA.

Il-verbi trilitteri meta jgħaddu għall-Ewwel jew għat-Tieni Sura Mnissla iktarx li ma' l-aċċent jbiddlu il-leħen tal-vokali fl-ewwel sillaba fil-waqt li l-vokali tat-tieni tixxiebah ma' l-ewwel (*armonija tal-vokali*). Eż : *Kiber, kabbar; tilef, tellef; kibes, kebbes; għodos, għaddas; fired, farrad*; fejn il-vokali *i* taħrab l-aċċent maħtuf sħiħ fuqha meta ma tkunx fl-aħħar sillaba u dlonk titbiddel f'*a* jew *e*, u fejn *o* imħabba f'hekk titbiddel ukoll f'*a*.

i. Il-verbi li ma jbiddlux il-vokali huma dawk li għandhom il-vokalizzazzjoni *e-a* u *a-a*. Eż : *Kesaħ, kessaħ; feraq, ferraq; feraħ, ferraħ; qasam, qassam; ħarab, ħarrab; sama', samma'.*

ii. Verbi bil-vokalizzazzjoni *e-e* jagħmlu *a-a* jew *ie-e*. *Weħħel, waħħal; bagħad, biegħed; ragħax (rogħox), riegħex; nagħas, niegħes.*

iii. Xi verbi bil-vokali *i-e* jagħmlu *a-a* jew *e-e*. Eż : *Siker, sakkar; kiber, kabbar: kibes, kebbes; tilef, tellef; simen, semmen; xiref, xerref; dilek, dellek; firex, ferrex.*

iv. Il-verbi *o-o* jagħmlu *a-a*; *a-e*. Eż : *Għodos, għaddas; roħos, raħħas; ħoloq, ħallaq; ħolom, ħallem; għoqos, għaqqes: għotob, għatteb; qorob, qarreb; ħobol, ħabbel.*

(*Jissokta*)

A. C.

# ETIMOLOĠIJA

## AMBA, JAMBI.

Sew Vassalli, u warajh Falzon, kemm oħrajn, qalu li l-verb *amba, jambi*, mhux ħaġ'oħra ħlief il-forma mqassra tal-kelmiet *għamel bi.* Fit-Tieni Ktieb tal-Grammatika tiegħi faċċ. 100 f'Nota tal-par. 24 taħt ir-Ras: "Kliem b'Tifsir ta' Verbi" fissirt dak li fuq hekk qal Vassalli. Iżda jien naħseb li dan il-verb mhux ħlief il-verb Għarbi klassiku *'aba* (verb dgħajjef bil-*hemża*. Ara d-Diz: Hava u Belot *abb,' abba* li jfissru *xtaq, ried.* Fil-Malti dan il-verb ħa t-tifsira ta' *ħtieġ, għandu bżonn* bi twessigħ fit-tifsir tal-verb, fejn daħlet l-ittra *m*(*epentismo*) mitluba mil-labjali *b* jew *m* flok l-ewwel *b*. Fil-Għarbi Tripolin il-verb *ba, jaba* jew *jibbi* jiġi li jidħol bħala awżiljarju biex bih isir il-futur. Eż: *Nibbi nimxi*, irrid immur. Iżda imbagħad : *Ax tibbi?* —li jfisser : *xi trid ? x'tiħtieġ ? x'għandek bżonn ?*

C. L. Dessoulavy (*Maltese-Arabic Word List, 1938*) u D. Giuseppe Barbera (*Dizionario Maltese-Arabo-Italiano, 1939*) jidhru li mxew fuq il-fehma ta' Vassalli jew Falzon għax it-tnejn igħidu li dan il-verb huwa l-forma imqassra ta' *għamel bi* li fil-konjugazzjoni jinhemeż mas-suffissi pronominali, bħal verbi l-oħra transitivi.

A. C.

* * *

## GĦALIEX GŻIRA U MHUX ĠIŻIRA ?

L-Ilsien malti, għalkemm jixbah ħafna lill-għarbi kif jitkellmuh fl-Eġittu, ma jaqbilx miegħu fil-pronunzja tal-*ġ*; għalhekk aħna bil-malti ngħidu *ġewwa, ġej, ġemel, jiġri, ġisem*, fil-ħin li fl-Eġittu dal-kelmiet u oħrajn bħalhom jippronunzjawhom bil-*g* (bħal fil-kelma gandott). Fejn naqblu mal-għarbi mkellem fl-Eġittu huwa fil-kelma *Gżira* li hawn tissejjaħ *Geżira*. Jista' mela xi ħadd ifissirli l-għaliex il-*g* ta' dil-kelma hija ippronunzjata fil-malti bħal ma hija fil-għarbi eġizzjan (vuldiri *g* mingħajr tikka) fil-ħin li kliem ieħor bil-*g* fl-għarbi, fil-malti jinbidel f'*ġ* ?

Kajr, 30-1-39.

Alf. Nicholas.